MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2015

Mandat Numru. 784/2015/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 784/2015LM fl-ismijiet:**

**Helen Magri K.I. 861247(M) legalment separata minn Angelo Magri**

**vs.**

**Av. Alessandro Lia u PL Luisa Tufigno li ġew nominati kuraturi deputati tal-assenti Melissa Aquilina u Frank Aquilina, aħwa Aquilina permezz ta' digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti datat 7 ta' April, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Helen Magri** fejn talbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għal dawn ir-raġunijiet li ġew ikkonfermati bil-ġurament tagħha:

> *"Illi l-esponenti sabiex tikkawtela l-kreditu hawn taħt imsemmi kontra l-intimat umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati sabiex jinżammu milli jbiegħu, ineħħu, jitrasferixxu jew jiddisponu inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjetà u b'mod partikolari jbiegħu jew jagħtu b'ċens, jgħabbu jew b'kull mod ieħor jittrasferixxu jew jiżvalutaw il-valur fis-suq*

*billi jippermettu li jsir dejn fuq iż-żewġ fondi u ċjoè numru 25, Triq Farsons, il-Ħamrun u numru 27, Triq Farsons, il-Ħamrun, dan tal-aħħar mikri lil terzi.*

*Illi r-rikorrenti li ilha separata minn żewġha permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat min-Nutar Hugh Grima fil-11 ta' Novembru, 1987, kopja annessa u mmarkata bħala Dokument A, għal madwar 29 sena, ilha għall-istess żmien tgħix waħidha u għal dawn l-aħħar għaxar snin ċirka man-neputija tagħha Rodianne Cauchi.*

*Illi għal dawn l-aħħar 15-il sena u fuqhom l-esponenti kienet, kif mitluba minn missier l-intimati Riccardo Aquilina, li miet fl-24 ta' Diċembru, 2014 tieħu ħsieb l-imsemmi Riccardo Aquilina fil-bżonnijiet kollha tiegħu, titimgħu, taħsillu, tnaddaflu d-dar u bżonnijiet oħra kif jiġi indikat b'iżjed dettall waqt it-trattazzjoni tal-kawża u dana wkoll minħabba li Riccardo Aquilina kien jgħix waħdu minħabba li ddivorzjat mit-tieni mara tiegħu anke minn qabel ma bdiet tieħu ħsiebu l-esponenti u billi ma kellu lil ħadd minn uliedu biex jieħdu ħsiebu u jduru bih billi dawn jgħixu barra mill-pajjiż u qajla kienu jmorru jżuruh.*

*Illi s-servizzi li l-esponenti rrendiet lil missier l-intimati (recte) kienu dejjem ġew hekk reżi bil-promessa li l-esponenti kellha tiġi mħallsa għall-istess wara l-mewt ta' Riccardo Aquilina billi fit-testment tiegħu kellu jgħaddilha u dana "b'ringrazzjament ta' kemm ilu jafha u kemm ilha ddur bih" in użu u in użufrutt tal-fond numru 27, Triq Farsons, il-Ħamrun, kif ukoll ħallieha werrieta in aġġunt għal dan il-prelegat fit-terz indiviż mal-intimati tal-assi kollha tiegħu kollox skont it-testment li għamel fis-16 ta' Jannar, 2012 quddiem in-Nutar Hugh Grima (Dokument B anness).*

*Illi għall-ħabta ta' Diċembru 2013, l-esponenti u d-decuius kienu llitigaw fuq ħmerija, b'dan illi għal ċirka xahrejn jew forsi ftit fuqhom, l-esponenti waqfet milli tkompli tippresta s-serviġi fuq imsemmija sakemm id-decuius reġa' bagħat għaliha biex tkompli ddur bih kif kienet ilha tagħmel għal dawk is-snin kollha u hekk għamlet mill-aħħar ta' Frar bidu*

*ta' Marzu, sakemm miet, tant li dan miet f'idejha b'uliedu msifrin, fosthom l-intimati.*

*Illi f'dawk ix-xahrejn ċirka illi l-esponenti u d-decuius kienu miġbudin, Riccardo Aquilina leħaq għamel testment li permezz tiegħu huwa annulla t-testment preċedenti tiegħu Dokument A, li permezz tiegħu ħassar dak it-testment b'testment ieħor li fih ir-rikorrenti ma ġietx imsemmija mkien u dan permezz tat-testment ippubblikat min-Nutar Nathania Tabone (Dokument Ċ anness).*

*Illi għalkemm wara li sar it-testment appena hawn imsemmi l-esponenti ftit ġimgħat biss wara li dan seħħ reġgħet bdiet tippresta l-istess serviġi kif kienet ilha tagħmel bla interruzzjoni, ħlief għal dawk ix-xahrejn, għal dawn l-aħħar 15-il sena, id-decuius ma reġax varja dan l-aħħar testment tiegħu billi jerġa' jqiegħed lill-esponenti fil-pożizzjoni li kienet qabel seħħ dan l-argument ta' ftit xhur, b'dan illi llum ġiet f'sitwazzjoni li ta' dak kollu li għamlet għad-decuius spiċċat mingħajr ebda kumpens.*

*Illi għalkemm l-esponenti kkomunikat mal-intimata Melissa Aquilina wara l-mewt tad-decuius u semmitilha (recte) ir-raġuni għaliex id-decuius kien bidel it-testment u din tagħrfitilha li kienet ben konxja tas-snin twal li l-esponenti kienet ilha ddur b'missierha, qaltilha wkoll li l-ewwel trid tara mal-intimat l-ieħor u terġa' tikkomunika magħha. Minflok għamlet hekk, neħħietha minn fuq il-facebook tagħha u lanqas biss qiegħda tirrispondi d-diversi telefonati li għamlitilha l-esponenti.*

*Illi l-esponenti se tiġi ppreġudikata jekk l-intimati ma jiġux inibiti kif ingħad billi ħlief għal dawn iż-żewġ proprjetajiet immobbiljarji m'hemm xejn fil-proprjetà tad-decuius li wirtuh l-intimati biex jagħmel tajjeb għall-ammont pretiż mill-esponenti billi wkoll wara l-mewt ta' Richard Aquilina il-fond ta' residenza tiegħu ġie mill-ewwel okkupat minn membri tal-familja tiegħu;".*

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Mejju, 2015 fejn wara li rat l-Artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, laqgħet it-talba tar-rikorrenti provviżorjament.

Rat ir-Risposta tal-intimati **l-Avukat Alessandro Lia u PL Luisa Tufigno nomine** li ġew nominati kuraturi deputati tal-assenti Melissa Aquilina u Frank Aquilina, aħwa Aquilina permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti datat 7 ta' April, 2015, fejn issottomettew illi t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni għandha tiġi miċħuda għas-segwenti raġunijiet:

*"1. Preliminarjament l-attriċi ma setgħetx tintavola dan il-mandat ta' inibizzjoni qabel tħallas l-ispejjeż u d-drittijiet ta' mandat ta' inibizzjoni ieħor fl-istess ismijiet, numru 462/2015 LS0 dekretat u miċħud fit-28 ta' April, 2015 (kopja informali tiegħu annessa).*

*2. Di più, skont l-Artikolu 873(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-mandat ta' inibizzjoni huwa intiż biex il-Qorti żżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għal min jitlob il-ħruġ tiegħu. Oltre dan, mandat ta' inibizzjoni jinħareġ biss fejn il-Qorti tkun sodisfatta li jirrikorru s-segwenti rekwiżiti:*

*(a) il-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet ta' min jitlob il-ħruġ tiegħu;*

*(b) il-persuna li titlob il-ħruġ tal-mandat turi li prima facie għandha dawk il-jeddijiet kontra l-intimat (Art. 873(2) tal-Kap. 12).*

*Kif ġie spjegat kemm-il darba minn din il-Qorti, bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jisħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-liġi nnifisha, iż-żewġ elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. (**Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici**: PA, 21.05.2005).*

*L-attriċi ma ġabet ebda prova tal-jedd jew pretensjoni tagħha stante li mkien ma ġie indikat l-ammont li abbażi tiegħu qed tippretendi l-ħruġ tal-mandat de quo. Mandat ta' inibizzjoni ta' din ix-xorta, li l-Qrati tagħna jgħallmu li huwa "mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ..." **(Mugliett vs. Bonnici: PA, 21.05.2005)**, m'għandux jiġi akkont leġġerment iżda r-rikorrent għandu, imqar prima facie, jagħti stampa*

*ċara tal-oriġini tal-pretensjoni tiegħu u tax-xorta tal-istess kreditu vantat. Fin-nuqqas ta' dan l-element, ir-rikorrent ma jkunx issodisfa r-rekwiżit essenzjali għall-ħruġ ta' inibizzjoni kawtelatorja.*

*3. Mingħajr preġudizzju għas-suċċepit, ir-rikorrenti ma ġabet ebda prova li l-wirt tal-mejjet Riccardo Aquilina ġie aċċettat mill-imsemmija Melissa Aquilina u Frank Aquilina.*

*Sakemm wirt ma jkunx aċċettat, għandu dejjem jitqies battal, u jekk xejn, ir-rikorrenti kellha titlob il-ħatra ta' kuraturi deputati proprju sabiex jirrappreżentaw il-wirt battal tal-mejjet Riccardo Aquilina (Art. 903 et sequitur tal-Kodiċi Ċivili).*

*Għal din ir-raġuni, l-esponenti lanqas biss huma leġittimi kontradittturi fil-mandat odjern u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju kif hawn fuq spjegat.*

*4. Għaldaqstant għar-raġunijiet imsemmija u dawk li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tar-rikors din il-Qorti għandha tiċħad it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kif mitlub.*

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-Rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Mejju, 2015 fejn ir-Rikors tħalla għall-provvediment kamerali.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati ġiet sorvolata peress li waqt it-trattazzjoni tar-Rikors irriżulta li l-ispejjeż u d-drittijiet tal-mandat ta' inibizzjoni numru 462/2015 LS0 dekretat u miċħud fit-28 ta' April, 2015, għadhom ma tħallsux

mir-rikorrenti peress li għadha ma nħarġitx it-taxxa uffiċjali relattiva. Ir-rikorrenti fil-fatt impenjat ruħha li tħallas l-ispejjez u d-drittijiet relattivi għall-mandat ta' inibizzjoni numru 462/2015 LSO kif appena tinħareġ it-taxxa uffiċjali relattiva.

Illi waqt it-trattazzjoni tar-Rikors l-intimati rrinunzjaw ukoll għat-tieni eċċezzjoni tagħhom, ċjoè li r-rikorrenti "ma ġabet ebda prova tal-jedd jew pretensjoni tagħha stante li mkien ma ġie indikat l-ammont li abbażi tiegħu qed tippretendi l-ħruġ tal-mandat de quo". Dan peress li fir-Rikors innifsu fejn saret it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni hemm ikkonstatat li l-pretensjoni tar-rikorrenti ġiet ikkwantifikata fis-somma ta' €65,000.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Is-soċjetà rikorrenti qed titlob il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni abbażi tal-Artikolu 874(1) tal-Kap. 12 li jgħid dan li ġej:

> *"Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbigħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu."*

Illi l-iskop ta' talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew preġudizzju lill-persuna li qed titlob il-ħruġ tal-mandat[1].

Skont l-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jeħtieġ li r-rikorrenti juri li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu tant li bin-nuqqas ta' ħrug tiegħu r-rikorrenti ser isofri preġudizzju u li dak ir-rikorrent ikun jidher li għandu *prima facie*, mad-daqqa t'għajn, dawk il-jeddijiet. Dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni[2].

Barraminhekk dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kriterji oggettivi[3] u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat ta' din ix-xorta, il-Qorti għandha tagħti interpretazzjoni restrittiva peress li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju ieħor, isir fi żmien meta l-pretensjoni tar-rikorrent ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata.

Is-soċjetà rikorrenti qed titlob il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex l-intimati jinżammu milli jbiegħu, ineħħu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu jew jagħtu b'ċens, jgħabbu jew b'kull mod ieħor jittrasferixxu jew jiżvalutaw il-valur fis-suq tal-proprjetà immobbli msemmija fir-Rikors billi jippermettu li jsir dejn fuqha.

---

[1] L-Artikolu 873(1) tal-Kap. 12.
[2] PA 27.11.2014 - **Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs. Giuseppe Camilleri sive Joseph.**
[3] Ara App.Ċiv. 14.7.1988 fil-kawża fl-ismijiet **Grech pro et noe vs. Manfrè** (Kollez. Vol: LXXII.ii.290).

Tqis illi r-rikorrenti rnexxielha turi li mad-daqqa t'għajn għandha pretensjoni xi tħares, ċjoè talba għal ħlas ta' serviġi reżi, mhux biss għax ikkonfermat dan bil-ġurament tagħha kemm fir-Rikors odjern kif ukoll permezz tar-Rikors Maħluf Nru. 259/2015LM, imma għax din il-pretensjoni ġiet ukoll rikonoxxuta u ssib konferma tagħha dejjem fuq livell *prima facie* fit-testment tad-decujus Richard Aquilina fl-atti tan-Nutar Hugh Grima li sar fis-16 ta' Jannar, 2012 fejn fit-Tieni Artikolu tal-imsemmi testment it-testatur Richard Aquilina ħalla b'titolu ta' prelegat lir-rikorrenti Helen Magri l-użu u l-użufrutt tal-fond presenzjalment mikri lil terzi u ċjoè l-fond numru sebgħa u għoxrin (27), Triq Farsons, il-Ħamrun "u dan b'ringrazzjament ta' kemm ilu jafha u ilha ddur bih". Barraminhekk it-testatur ħalla lir-rikorrenti werrieta fit-terz indiviż mal-intimati tal-assi kollha tiegħu. [4]

Din il-Qorti tqis ukoll, dejjem fil-livell ta' prova *prima facie*, illi r-rikorrenti rnexxilha turi li l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnha tant li bin-nuqqas ta' ħrug tiegħu r-rikorrenti ser isofri preġudizzju. Fir-Rikors odjern ir-rikorrenti kkonfermat bil-ġurament illi l-intimata Melissa Aquilina wara l-mewt ta' missierha Richard għall-ewwel kienet irrikonoxxiet li għal snin twal ir-rikorrenti kienet daret b'missierha, imma sussegwentement qatgħet kull kuntatt magħha.

Għad li din il-Qorti tqis illi r-rikorrenti f'dan il-każ irnexxilha tissodisfa r-rekwiżiti kumulattivi għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, kif ġie kkonstatat minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Josephine Camilleri,**

[4] A fol. 6 tal-proċess.

**Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs. Giuseppe Camilleri sive Joseph[5]:**

> *"… ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix."*

F'din il-proċedura sommarja ta' aċċertament *prima facie,* ma tistax issir indaġini dettaljata dwar x'assi oħra seta' ħalla d-decujus wara l-mewt tiegħu. Is-sempliċi possibbiltà, u mhux neċessarjament il-probabbiltà, li l-pretensjoni tar-rikorrenti tista' tiġi eluża u tista' tisfuma fix-xejn jekk ma tiġix milqugħha t-talba għall-ħruġ tal-Mandat kawtelatorju, hija biżżejjed biex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit tal-preġudizzju li tista' sofri r-rikorrenti jekk ma jinħariġx il-Mandat.

Kwantu għall-eċċezzjoni tal-intimati nomine li huma mhumiex il-leġittimi kontradittturi peress li mill-atti tar-Rikors ma jirriżultax jekk il-wirt tal-mejjet Richard Aquilina ġiex aċċettat mill-imsemmija Melissa Aquilina u Frank Aquilina, din il-Qorti tqis illi f'indaġini fil-livell ta' *prima facie* m'għandhiex tidħol f'konsiderazzjonijiet proċedurali ta' din ix-xorta u li dawn għandhom jitħallew biex jiġu meqjusa fil-kawża dwar il-mertu. Huwa suffiċjenti f'dan l-istadju li jiġi ppruvat li mad-daqqa t'għajn ir-rikorrenti għandha pretensjonijiet x'tikkawtela u li teżisti possibbiltà reali li r-rikorrenti tista' ssofri preġudizzju jekk il-Mandat ta' Inibizzjoni ma jiġix akkordat.

Waqt it-trattazzjoni tar-Rikors ġie kkonstatat mill-avukat difensur tar-rikorrenti illi l-proprjetà numru 25, Triq Farsons, il-Ħamrun għandha valur ta' aktar minn

[5] PA 27.11.2014.

€100,000. Tqis għalhekk li din il-proprjetà waħidha għandha valur suffiċjenti sabiex tikkawtela l-pretensjonijiet tar-rikorrenti li ġew ikkwantifikati fir-Rikors fis-somma ta’ €65,000.

**Decide**

**Għalhekk din il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi tilqa’ t-talba għal ħrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni kontra l-intimati nomine kif mitlub fir-Rikors, imma limitatament għar-rigward tal-proprjetà 25, Triq Farsons, il-Ħamrun u għalhekk tillibera l-proprjetà 27, Triq Farsons, il-Ħamrun mill-effetti ta’ dan il-Mandat kif kien ġie dekretat provviżorjament.**

**L-ispejjeż ta’ din il-proċedura jiġu deċiżi flimkien mas-sentenza dwar il-mertu.**

**Tordna n-notifika ta’ dan il-provvediment lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------